# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 302/2022/2 FDP**

**Skema ta' Kumpens Lill-Investitur**

**v.**

**Jean Claud *sive* Jean Claude Bugeja u**
**Hermione Borg ġja Bugeja**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tad-29 ta' Novembru, 2024, magħmula mill-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur taħt is-**subartikolu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell maqtugħ minn din il-

Qorti b'sentenza mogħtija fis-3 ta' Settembru, 2024, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-7 ta' April, 2022, l-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur fissret li b'digriet mogħti fis-17 ta' Settembru, 2014, skont l-**Artikolu 5 tal-Att Kontra *Money Laundering*** u l-**Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali**, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ordnat lill-konvenut Jean Claud Bugeja, sabiex iżomm lura milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew jiddisponi xorta oħra minn ġidu.

3. Ilmentat li minkejja dan, il-konvenut xorta waħda resaq għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-konvenuta Hermione Borg, u għabba lil ħwejġu kemm b'ipoteka ġenerali għall-valur ta' €263,000, kif ukoll b'ipoteka speċjali għall-istess valur, fuq appartament u garaxx minn tiegħu f'San Pawl il-Baħar. Żiedet tgħid li barra minn hekk, il-konvenut ikkonċeda wkoll lill-konvenuta Hermione Borg, il-jedd ta' użu u abitazzjoni fuq żewġ proprjetajiet oħra minn tiegħu f'Santa Venera.

4. Kemm fuq il-premessa li dawn l-għemejjel saru bi ksur tal-ordni tas-17 ta' Settembru, 2014, kif ukoll fuq l-argument li skont l-**Artikolu 6 tal-Att Kontra *Money Laundering*** kull ħaġa magħmula bi ksur ta' ordni

msemmija fl-**Artikolu 5** tal-istess Att tkun nulla u bla effett, l-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur fetħet din il-kawża li biha talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ipoteka ġenerali għall-ammont ta' mitejn u tlieta u sittin elf ewro (ewro 263,000) mogħtija mill-konvenut Jean Claud Bugeja fuq il-beni kollha tiegħu lill-konvenuta Hermione Borg kif ukoll l-ipoteka speċjali għall-ammont ta' mitejn u tlieta u sittin elf ewro (ewro 263,000) mogħtija mill-konvenut Jean Claud Bugeja lill-konvenuta Hermione Borg fuq l-appartament fit-tielet sular (second floor) internament immarkat bin-numru ħamsa (5) u l-garaxx internament innumerat bin-numru għaxra (10) formanti parti minn korp ta' bini f'San Pawl il-Baħar, Mosta Road kantuniera ma' Triq Ramon Perellos konsistenti f'garage complex fil-livell ta' basement, erba' ħwienet fil-pjan terran u disa' appartamenti sovrastanti bla numru magħruf bħala Halmann Court u konfinanti l-blokk intier mill-Grigal ma' Mosta Road, mix-Xlokk ma' Triq Ramon Perellos u mil-Lbiċ ma' beni tal-aventi kawża tal-kumpanija Easysell Properties Limited, liema ipoteki ġew mogħtija permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tan-Nutar Joseph Debono, ingħataw bi ksur tal-ordni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-sbatax (17) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) fil-kumpilazzjoni numru 885/2014 fl-ismijiet «Il-Pulizija (Spettur Ian Abdilla) kontra Jean Claud Bugeja»; u*

*2. Tiddikjara għalhekk illi l-imsemmija ipoteka ġenerali u ipoteka speċjali huma nulli għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;*

*3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dritt konċess mill-konvenut lill-konvenuta fil-klawżola numru għaxra (10) tal-kuntratt fuq imsemmi tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tan-Nutar Joseph Debono fuq il-proprjetà parafernali tal-konvenut bin-numru uffiċjali tlieta u erbgħin (43), bl-isem «Windchimes» fi Triq il-Karmelitani, Santa Venera, kif ukoll il-garaxx li jinsab faċċata l-istess fond internament immarkat bin-numru tnejn (2), sottopost u sovrapost għall-proprjetà ta' terzi, li jinsab fil-livell ta' semi-basement formanti parti minn korp ta' garages bin-numru erbgħa u sebgħin (74) fi Triq il-Karmelitani, Santa Venera, aċċessibbli minn drive-in komuni li tidħol għaliha mill-istess triq, ingħata bi ksur tal-ordni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-sbatax (17) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) fil-kumpilazzjoni numru 885/2014 fl-ismijiet «Il-Pulizija (Spettur Ian Abdilla) kontra Jean Claud Bugeja»;*

*4. Tiddikjara għalhekk illi tali dritt mogħti mill-konvenut lill-konvenuta huwa null għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi; u*

*5. Tawtorizza lill-attriċi tiskrivi din is-sentenza fir-reġistru pubbliku.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

5. Bi tweġiba maħlufa tas-27 ta' Ġunju, 2022, il-konvenut Jean Claud Bugeja laqa' għall-kawża tal-Iskema b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi fl-ewwel lok, din il-kawża għandha tiġi konnessa mal-kawża l-oħra miftuħa mill-istess attriċi kontra l-esponenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta bin-numru 525/2021NC li hi differita għat-12 ta' Ottubru, 2022, liema kawża tirrigwarda l-istess kwistjoni mertu ta' din il-kawża u dan ai termini tal-**Artikoli 792 u 793 tal-Kap. 12**.*

*2. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tisma' din il-kawża minħabba nuqqas ta' kompetenza peress illi huwa ċar illi ai termini tal-**Artikolu 6 tal-Kap. 373 u l-Artikolu 23A(2) tal-Kap. 9**, hija dik il-Qorti li ħarġet l-ordni ta' iffriżar li għandha l-kompetenza tiddeċiedi dwar il-mertu ta' din l-vertenza u mhux din l-Onorabbli Qorti.*

*3. Illi fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għas-suespost, l-attriċi għandha turi li l-azzjoni tagħha odjerna ġiet debitament awtorizzata mill-organu kompetenti.*

*4. Illi subordinatament u bla preġudizzju wkoll għas-suespost, l-azzjoni attriċi hija intempestiva għall-aħħar kif jidher ċar mid-disa' (9) premessa tal-azzjoni attriċi għaliex mhux biss m'hemm l-ebda kundanna ta' natura penali fil-konfront tal-esponenti jew konfiska tal-beni de quo, imma ġaladarba tali beni palesement ma ġewx f'idejn l-esponenti bħala riżultat ta' attività kriminali, l-esponenti dejjem għandu r-rimedju kkontemplat fl-**Artikolu 7 tal-Kap. 373** fl-eventwalità illi tali konfiska tiġi ordnata.*

*5. Illi jsegwi wkoll minn tali premessa, illi llum, l-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku illi tintavola l-azzjoni odjerna u għaldaqstant, l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*6. Illi fil-mertu jrid jingħad illi d-drittijiet reali li qed jiġu impunjati ġew kostitwiti bħala riżultat tas-seperazzjoni personali bejn iż-żewġ konvenuti odjerni u dan bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja kif jidher ċar mill-kuntratt ta' separazzjoni personali esibit mill-istess attriċi bħala Dok. D. Illi fi kwalunkwe każ il-beni de quo baqgħu propjetà tal-esponenti u kwalunkwe eventwali preġudizzju lill-attriċi hu ferm limitat.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri. »*

6. Bi tweġiba maħlufa tas-16 ta' Settembru, 2022, il-konvenuta Hermione Borg laqgħet għall-kawża tal-Iskema attriċi b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza tisma' u tiddeċiedi t-talbiet attriċi stante kwalunkwe talba fir-rigward l-ordni tal-iffriżar tista' ssir* ***biss*** *quddiem dik il-Qorti li tkun ħarġet tali ordni tal-iffriżar fil-konfront tal-intimat Jean Claude Bugeja, u ċjoè l-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-****Artikolu 3 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta****;*

*2. Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi m'għandha ebda locus standi sabiex tressaq din il-kawża de quo stante hija biss il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-ordni tal-iffriżar, u ċjoè l-prosekuzzjoni, li għandha l-interess u s-setgħa skont il-liġi li tressaq kwalunkwe talba f'dan ir-rigward quddiem il-qorti kompetenti skont il-liġi, biex b'hekk l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni attriċi hija intempestiva għall-aħħar billi ordni għall-iffriżar hija miżura proċedurali kawtelatorja, temporanja u meħtieġa, sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-ordni u liema proċeduri għadhom pendenti mingħajr ebda kundanna ta' natura penali fil-konfront tal-intimat Jean Claude Bugeja wisq inqas konfiska tal-beni mertu tal-kawża biex b'hekk, ma hemm ebda dissipazzjoni tal-assi u ma hemm ebda preġudizzju soffert mill-attriċi;*

*4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ordni għall-iffriżar mhuwiex intiż sabiex jiġi ssalvagwardjat dritt ta' terz, bħall-attriċi, biex hi tkun tista' sussegwentement teżegwixxi kontra l-assi soġġetti għall-ordni fil-każ li tikseb sentenza a favur tagħha (b'riferenza għall-kawża quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet* ***Skema tal-Kumpens lill-Investituri v. Jean Claude Bugeja****, Rikors Numru 525/2021NC). Illi l-għan ta' Ordni ta' Iffriżar huwa sabiex l-assi li jirriżulta li l-provenjenza u l-użu tagħhom ikunu ġejjin minn attività kriminali jiġu ffriżati u ttrattati skont il-liġi;*

*5. Illi wkoll subordinatament, it-tielet talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi ma hemm ebda restrizzjoni kemm ai termini tal-****Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta*** *kif ukoll taħt l-ordni tal-iffriżar, li tipprekludi l-esponenti milli tagħmel użu skont il-kuntratt ta'*

*separazzjoni għall-abitazzjoni tagħha u tat-tfal ġewwa d-dar preċedentement matrimonjali bl-isem «Windchimes» fi Triq Karmelitani Santa Venera;*

*6. Illi inoltre, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi ma hemm ebda ksur tal-ordni kif allegat mill-attriċi billi d-drittijiet reali ġew kostitwiti taħt separazzjoni personali bejn iż-żewġ intimati odjerni taħt l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.»*

7. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Jean Claud Bugeja kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta l-oħra Hermione Borg, u fid-dawl ta' dan waqfet milli tkompli tisma' iktar l-kawża għaliex sabet li ma tgawdix mill-kompetenza *ratione materiae* sabiex tiddeċiedi jekk seħħx ksur tal-Ordni tal-Iffriżar li nħarġet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

8. L-iskema attriċi ma qablitx mas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u b'rikors tal-appell tal-14 ta' Diċembru, 2023 (f'paġni 103 sa 121 tal-atti tal-kawża), hija talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex tħassar dik is-sentenza, u wara li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Jean Claud Bugeja, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta l-oħra, tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

9. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Settembru, 2024, din il-Qorti b'Imħallfin differenti, ċaħdet l-appell tal-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur u b'hekk ikkonfermat is-sentenza appellata għalkollox.

10. Ir-raġunijiet ewlenin li għalihom il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2023, huma dawn:

> *« 15. Il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza* ***Carmelo Ellul et v. AX Hotel Operations Limited et*** *tal-21 ta' Mejju, 2024, fejn din il-Qorti qalet:*
>
> > *«14. Fis-sistema ġuridika tagħna l-attur għandu prattikament libertà assoluta dwar ix-xorta ta' kawża li jrid jadixxi l-Qorti biha. Għalhekk ix-xejra tal-azzjoni tiddependi mill-għażla tal-parti attriċi li tressaqha u hija determinata mill-għamla tal-azzjoni hekk magħżula u mit-talbiet magħmula. (****Nutar Dr. Charles Vella Zarb v. Anna Vella - Prim'Awla - 8 ta' Frar, 2006****). Għażla libera li ġiet diversi drabi rikonoxxuta fil-ġurisprudenza patria.*
> >
> > *15. Il-prinċipji interpretattivi għall-identifikazzjoni tax-xorta ta' azzjoni ġew elokwentement miġbura fis-sentenza* ***Marija Baldacchino et. v. Carmelo Grima et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju 1997****:*
> >
> > > *«L-indoli tal-azzjoni tiġi deżunta mhux tant mill-kliem più o meno eżatti tal-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għaliha huwa intiż il-ġudizzju [Vol.XXXIV.III.746]. .... Biex tiġi fissata n-natura vera tal-azzjoni li tiġi eżerċitata wieħed irid iħares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment ġie mitlub biċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fundament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta. [Vol.lXXXV.II.776]"..»*
> >
> > *16. Ix-xorta u n-natura tal-azzjoni attriċi għandha neċessarjament tinstilet mill-att promotur. Kjarifika fil-mori ma tista' qatt tbiddel l-azzjoni kif imressqa fl-att promotur (ara* ***Raymond Bezzina v. Anthony Galea*** *– Appell Superjuri - 30 ta' Marzu, 1998;* ***Vincent Ciappara et. v. Nazzareno sive Reno Bartolo et.*** *– Appell Superjuri – 15 ta' Novembru, 2023).*
> >
> > *17. Il-kawżali tad-domanda hija dik li hemm espressa fiċ-ċitazzjoni u ma tistax tiġi mibdula. Kif inżamm fis-sentenza* ***Noel Calleja et. v. Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2010 « ... mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni.»*
>
> *16. F'dan il-każ, fir-rikors promotur l-attriċi ppremettiet illi fis-sena 2021 fetħet il-kawża 525/2021 sabiex tirkupra s-somma ta' €2,380,852.31 mingħand il-konvenut Bugeja. Somma li tirrappreżenta bilanċ minn*

*somma akbar li ħallset lill-klijenti tal-kumpanija Maltese Cross Financial Services Limited skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 370.09 rappreżentanti telf u danni minnhom sofferti minħabba allegat aġir kriminali ta' Bugeja fiż-żmien meta huwa kien direttur tagħha. Tgħid imbagħad li fetħet din il-kawża għaliex għandha interess tottjeni dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi l-ipoteka ġenerali, l-ipoteka speċjali fuq l-appartament numru 5 fit-tielet sular u l-garage numru 10, formanti parti minn korp ta' bini f'Mosta Road, San Pawl il-Baħar, u d-dritt ta' użu u abitazzjoni vita durante fil-fond bin-numru 43, «Windchimes», Triq il-Karmelitani, Santa Venera u l-garaxx semi-basement li jinsab faċċata tal-istess fond, li l-konvenut ta lil martu permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fit-18 ta' Jannar, 2016, huma nulli inkwantu saru bi ksur ta' ordni ta' iffriżar maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja permezz ta' digriet tas-17 ta' Settembru, 2014, fil-kumpilazzjoni numru 885/2014 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Ian Abdilla) v. Jean Claud Bugeja.*

*17. Il-bażi tal-argument tagħha jinsab fil-premessa numru 8 fejn tgħid illi:*
*«ai termini tal-**Artikolu 6 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta** kull ħaġa magħmula bi ksur ta' ordni tal-Qorti ai termini tal-**Artikolu 5 tal-Kap. 373** tal-Liġijiet ta' Malta tkun nulla u bla effett fil-liġi.»*

*18. Iżżid li hija għandha interess tottjeni dikjarazzjoni bħal dik għaliex l-ipoteki u drittijiet inkwistjoni: «jippreġudikaw il-pożizzjoni tal-attriċi meta tiġi biex tenforza d-drittijiet tagħha kontra l-konvenut.»* (premessa numru 9).

*19. Fl-att promotur ma jissemmewx artikoli tal-liġi oħra. Sussegwentement, fin-nota ta' sottomissjonijiet rabtet l-**Artikolu 6 tal-Kap. 373** mal-**Artikoli 987 sa 991 tal-Kodiċi Ċivili** u sostniet li f'kull każ, obbligazzjoni ċivili naxxenti minn kawża illeċità m'għandha ebda effett. F'dik in-nota żiedet tirreferi wkoll għall-**Artikolu 32(2) tal-Kap.12** li jagħti lill-Qorti Ċivili l-kompetenza taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom.*

*20. Għalhekk hu evidenti li bil-kawża tal-lum l-attriċi qiegħda timpunja dak li sar bil-kuntratt ta' separazzjoni li ffirmaw il-konvenuti. L-attriċi għandha interess li timpunja dak li sar mill-konvenut Bugeja bil-kuntratt ta' separazzjoni peress li għandha pretensjoni kontrih għad-danni li tgħid li sofriet bil-ħlas li għamlet lill-investituri skont ir-**Regolamenti għal Skema ta' Kumpens lill-Investituri (L.S. 370.09)**. L-għan aħħari tagħha hu li jitħassru l-garanziji li l-konvenut ta lil martu u l-jedd ta' abitazzjoni li ta fir-rigward ta' appartament.*

*21. Madankollu, għażlet li tibbaża l-kawża fuq il-premessa li l-konvenut kiser l-ordni ta' iffriżar maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja minflok per eżempju tipproponi l-actio pauliana. Fil-fatt*

*fl-ewwel talba talbet dikjarazzjoni li l-konvenut kiser l-ordni ta' iffriżar maħruġa fl-14 ta' Settembru 2014.*

*22. L-ordni tal-iffriżar hi miżura temporanja sabiex biha jiġi żgurat inter alia li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, il-qligħ minn reati ma jitgawdix mill-ħati. Dak li eventwalment iwassal għall-konfiska ta' proprjetà. Ma jirriżultax li l-għan wara l-ordni tal-iffriżar hu biex isservi bħala garanzija għad-debituri tal-imputat.*

*23. L-**Artikolu 6 tal-Kap 373** jipprovdi illi:*

> *«Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-qorti msemmi fl-**Artikolu 5** tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew għal priġunerija għal żmien li ma jeċċedix tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u kull ħaġa hekk magħmula bi ksur ta' ordni tal-qorti bħal dik tkun nulla u bla effett fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna akkużata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti.»*

*24. Mir-rikors maħluf hu evidenti li n-nullità allegata mill-attriċi hija marbuta mad-dispost tal-**Artikolu 6 tal-Kap. 373** u mhux ukoll tal-**Artikoli 987** sa **991 tal-Kodiċi Ċivili**. Verament li fejn tirriżulta kawża illeċità, in-nullità tista' tiġi sollevata wkoll mill-Qorti ex officio (**Angelo u Josephine konjugi Spiteri pro et noe v. Andrew u Anna Ursola konjugi Cilia et** deċiża minn din il-Qorti diversament ippreseduta fil-11 ta' Marzu, 2016).*

*25. L-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tas-17 ta' Settembru, 2016, fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija (Spett Abdilla) v. Jean Claude Bugeja (Kumpilazzjoni numru 885/2014), permezz ta' liema l-konvenut Bugeja ġie pprojbit milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xorta oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, inħareġ ai termini l-**Artikolu 5 tal-Kap 373** u kif ukoll a tenur tal-**Artikolu 23A(2) tal-Kap. 9** (fol.24).*

*26. Jibqa' l-fatt li l-ordni ta' iffriżar inħarġet minn qorti ta' kompetenza kriminali. Sabiex l-attriċi tirnexxi fil-kawża li għażlet li tiftaħ, hemm bżonn ta' dikjarazzjoni li b'dak li għamel il-konvenut kiser l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Fil-fatt dak hu li talbet l-attriċi fl-ewwel talba tar-rikors maħluf. Mingħajr dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-ordni tal-iffriżar, l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi. Dikjarazzjoni bħal dik tista' tingħata mill-Qorti li ħarġet l-ordni. L**-Art. 6 tal-Kap. 373** stess jipprovdi li ksur ta' ordni ta' ffriżar hu reat u li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti «..... tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna akkużata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew ikkonsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti». Dan pjuttost jagħti lill-Qorti x'tifhem li hi l-Qorti ta' kompetenza kriminali li għandha l-kompetenza esklussiva fil-materja. Dan jagħmel iktar sens meta tikkunsidra li l-għan ta'*

*ordni ta' iffriżar hu sabiex jiżgura li l-proprjetà li tista' tkun soġġetta għall-konfiska ma tinħebiex mill-imputat, u lanqas ma tiġi trasferita jew mgħobbija bid-dejn. Inoltre, dan mhuwiex każ fejn ittieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenut u hemm dikjarazzjoni ta' ħtija li kiser l-ordni ta' iffriżar.*

*27. Kuntrarjament għall-analoġiji li tagħmel l-appellanti, l-allegat ksur tal-ordni tal-iffriżar mhux sempliċi 'fatt' li jista' jiġi determinat irrispettivament mill-azzjoni kriminali, bħal meta wieħed ikun negliġenti fis-sewqan jew ikun evada t-taxxa. Hi ordni li tinħareġ fuq talba tal-prosekuzzjoni u kif spjegat l-għan tagħha hu li l-proprjetà soġġetta għall-konfiska, f'każ ta' sejbien ta' ħtija ma tkunx inħbiet u tibqa' intatta. Debituri tal-imputat għandhom ir-rimedji ċivili sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom. Kuntrarjament għall-każ in eżami, il-materji li għamlet riferenza l-attriċi ma jiddependux minn stħarriġ li jrid isir minn Qorti ta' kompetenza kriminali.»*

11. B'rikors imressaq fid-29 ta' Novembru, 2024, l-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur (minn issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala *«l-Iskema ritrattandi»*) qiegħda tfisser li hemm raġunijiet tajba biżżejjed sabiex is-sentenza li ngħatat minn din il-Qorti fit-3 ta' Settembru, 2024, tiġi ritrattata skont is-**subartikolu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, minħabba li skontha din il-Qorti applikat il-liġi ħażin.

12. Minħabba f'hekk, l-iskema ritrattandi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex: (i) tħassar is-sentenza tat-3 ta' Settembru, 2024, għar-raġunijiet imsemmija fl-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u (ii) tordna s-smigħ mill-ġdid tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti ritrattati.

13. B'żewġ tweġibiet separati tas-17 ta' Frar, 2025 u tal-15 ta' April, 2025, il-konvenuti Jean Claud Bugeja u Hermione Borg rispettivament,

wieġbu għal dan ir-rikors, u hemmhekk huma niżżlu r-raġunijiet tagħhom għalfejn it-talbiet tal-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur għandhom jiġu miċħuda. Fuq il-premessa li t-talba għal ritrattazzjoni hija waħda fiergħa u tressqet bil-għan ta' inkejja, il-konvenut Jean Claud Bugeja talab ukoll lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-iskema ritrattandi tħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal darbtejn.

14. Inżammet seduta fis-26 ta' Ġunju, 2025, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

16. Dan l-istitut huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u kisbet l-istat ta' ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' dik is-sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Marc Aquilina et v. Giuseppi Aquilina et*** mogħtija mill-qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024).

17. Huwa għalhekk magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li r-rimedju ta' ritrattazzjoni jista' jingħata biss f'dawk iċ-ċirkostanzi li taħseb għalihom il-

liġi, li f'kull każ għandhom jingħataw tifsira dejqa, mingħajr l-ebda tiġbid jew analoġija (ara ***Michele Peresso Limited et v. Upim S.r.l.*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2024).

18. Il-proċedura ta' ritrattazzjoni fiha żewġ stadji: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*) (ara ***Frank Calleja v. Charles Paul Attard*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 2022).

19. Fl-istadju *in rescindendo* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza li tagħha qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni. Mod ieħor, xogħol il-Qorti huwa biss li tara jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda mit-tnax-il ċirkostanza msemmija fl-**Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Artijiet et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023).

20. Issa fil-każ tal-lum, ir-raġuni li għaliha l-Iskema ritrattandi qiegħda titlob it-tħassir tas-sentenza tat-3 ta' Settembru, 2024, hija mibnija fuq iċ-ċirkostanza msemmija fl-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni**

**u Proċedura Ċivili**, u sewwasew fuq ir-raġuni li s-sentenza attakkata hija milquta minn applikazzjoni ħażina tal-liġi.

21. Tul ir-rikors voluminuż tagħha, l-Iskema ritrattandi qiegħda tagħti ħames raġunijiet għalfejn hija qiegħda tqis li s-sentenza attakkata hija maħkuma mid-difett tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi.

22. L-**<u>ewwel raġuni</u>** miġjuba mill-Iskema ritrattandi hija dwar li l-Qorti tal-Appell qalet ħażin li d-dikjarazzjoni dwar jekk ikunx hemm ksur tal-ordni tal-iffriżar jew le, għandha tingħata mill-istess Qorti li tkun ħarġet dik l-ordni. Il-ħsieb wara dan ir-raġunament tal-Iskema huwa, li fih innifsu, il-ksur tal-ordni ta' iffriżar iwassal għat-twettiq ta' reat ġdid, u b'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li hija l-istess Qorti li ħarġet l-ordni tal-iffriżar inkwistjoni, ma tgawdix mill-kompetenza li ssib lill-akkużat ħati ta' reat.

23. Fost affarijiet oħra, l-Iskema ritrattandi tfisser li mill-**Artikolu 6 tal-Att Kontra *Money Laundering*** jitnisslu żewġ konsegwenzi minn ksur ta' ordni ta' iffriżar: waħda kriminali, li tikkonsisti fil-piena ta' multa u/jew priġunerija; u l-oħra ċivili li twassal għan-*«nullità ex lege ta' kull obbligazzjoni magħmula bi ksur tal-ordni.»* Tinsisti li hija biss l-ewwel konsegwenza li taqa' fil-kompetenza tal-qrati ta' kompetenza kriminali għaliex il-liġi kriminali ma tagħtix lill-qrati ta' dik il-kompetenza s-setgħa li

jiddikjaraw in-nullità ta' atti ċivili li jsiru bi ksur ta' ordni tal-iffriżar.

24. Iżżid li ma hemm xejn fil-liġi kriminali li teskludi l-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili milli: *«tagħmel sempliċi konstatazzjoni ta' fatt dwar jekk kienx hemm jew le ksur tal-ordni tal-iffriżar, u jekk iva, tgħaddi sabiex tiddikjara n-nullità ta' trasferiment ta' immobbli jew obbligazzjoni ċivili oħra...magħmula bi ksur tal-ordni»,* u f'dan is-sens tinsisti li l-liġi timponi n-nullità ċivili: *«bħala konsegwenza separata mir-reat u l-piena penali li jġib miegħu.»*

25. Skont ir-ritrattandi, *«ir-raġunament»* tal-Qorti tal-Appell imur għalhekk *«proprju kontra l-liġi kriminali»* u tisħaq li huwa sewwasew *«minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi kriminali li din l-Onorabbli Qorti fehmet li dawn it-talbiet jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali...».*

26. It-**tieni raġuni** li għaliha l-Iskema ritrattandi qiegħda tqis li s-sentenza attakkata hija maħkuma minn applikazzjoni ħażina tal-liġi hija mbagħad b'rabta mal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell dwar l-għan wara l-ħruġ tal-ordni ta' iffirżar. Tisħaq li tali għan mhuwiex biss biex jiġu mpoġġija fis-sod il-jeddijiet tal-Istat fl-eventwalità tal-konfiska tal-assi tal-akkużat, iżda wkoll għall-ħarsien tal-vittmi tar-reat rilevanti li setgħu ġarrbu telf minħabba t-twettiq ta' dak ir-reat.

27. Bil-għan li ssostni dan, l-Iskema ritrattandi tirreferi għall-**Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali** u targumenta li l-Qorti tal-Appell applikat il-liġi ħażin għaliex ma ħadet l-ebda kont ta' dak l-Artikolu.

28. It-**<u>tielet raġuni</u>** miġjuba mill-Iskema ritrattandi hija mbagħad dwar li f'paragrafu 24 tas-sentenza attakkata, il-Qorti tal-Appell qieset li billi l-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għandha s-setgħa tordna lis-sekwestratarju sabiex iġib lura dak li jkun ġie mħallas jew konsenjat bi ksur tal-ordni tal-iffriżar, mela allura dan: *«pjuttost jagħti lill-Qorti x'tifhem li hi l-Qorti ta' kompetenza kriminali li għandha l-kompetenza esklussiva fil-materja.»* Tisħaq li dan ir-raġunament tal-Qorti ma kellu assolutament ebda rilevanza għall-punt li kellu jiġi deċiż fil-kawża, għaliex fil-każ li rriferiet għalih il-Qorti, is-sekwestratarju stess ikun akkużat bir-reat tal-ksur tal-ordni tal-iffriżar. Fid-dawl ta' dan tikkonkludi li tali raġunament: *«jinvolvi wkoll applikazzjoni ħażina <u>fit-tħaddim</u> tal-liġi kriminali.»*

29. Ir-**<u>raba' raġuni</u>** għalfejn l-Iskema ritrattandi qiegħda tqis li l-Qorti tal-Appell wettqet applikazzjoni ħażina tal-liġi hija mbagħad imsejsa fuq l-argument li dik il-Qorti *«assumiet»* ħażin, li f'każ ta' trasferiment jew drittijiet mogħtija fuq proprjetà immobbli mill-imputat lill-terzi, bi ksur tal-ordni ta' iffirżar, il-Qorti li tkun ħarġet tali ordni, tista' tannulla l-kuntratt bejn l-imputat u t-terz, minkejja li dan tal-aħħar ma jkunx ġie mixli quddiemha bi ksur tal-ordni ta' iffriżar.

30. F'dan il-qafas, l-Iskema ritrattandi tirreferi għall-**Artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali** u tinsisti li l-qrati ta' kompetenza kriminali ma jgawdux mill-ġurisdizzjoni kontra terzi li ma jkunux mixlija b'reati quddiemhom, għaliex il-ġurisdizzjoni ta' dawk il-qrati hija limitata kontra kull persuna li tkun akkużata li għamlet reat f'Malta u skont iċ-ċirkostanzi pprovduti fil-Kodiċi Kriminali.

31. Tissokta billi targumenta li b'differenza għal dan, l-**Artikolu 742(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi li l-Qrati Ċivili ta' Malta huma mogħnija bil-ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha, li fost affarijiet oħra, jirrigwardaw: *«kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta...»* Fuq is-saħħa ta' dan, tistqarr li huwa diffiċli għaliha biex tifhem kif il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma tgawdix mill-kompetenza biex tisma' l-kawża tagħha li fi kliemha hija dwar obbligazzjoni li l-konvenuti kkuntrattaw bejniethom f'Malta.

32. Il-**<u>ħames u l-aħħar raġuni</u>** li qiegħda tingħata mill-Iskema ritrattandi hija mbagħad imsejsa fuq dak li tqis bħala *«paralleliżmu totali»,* bejn il-provvedimenti tal-liġi dwar il-ksur ta' ordni ta' iffriżar, u l-provvedimenti tal-liġi dwar il-ksur ta' ordni ta' mandat ta' inibizzjoni. Issostni li tali *«paralleliżmu»* juri li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi għaliex, fi kliemha: *«ma jistax ikun li provvedimenti tant simili b'konsegwenzi tant simili f'sistema legali jwasslu għall-konklużjoni tant*

*differenti fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili titneżża mill-kompetenza bażika tagħha għar-rigward obbligazzjonijiet ċivili.»*

33. Fil-fehma tal-Qorti, ir-raġunijiet kollha li għalihom l-Iskema ritrattandi qiegħda titlob it-tħassir tas-sentenza attakkata ma jistgħu jwassluha mkien.

34. L-ewwel nett, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li biex tkun tista' tiġi meqjusa talba għal ritrattazzjoni taħt il-kawżali tal-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-parti ritrattandi għandha d-dmir li mhux biss issemmi l-artikolu tal-liġi li suppost kellu jiġi mħaddem fis-sentenza attakkata, iżda wkoll għandha tirreferi għal dak l-artikolu speċifiku tal-liġi li fil-fehma tagħha jkun ġie mħaddem minflok dak it-tajjeb (ara ***Nutar Dottor John Cachia Zammit et v. L-Awtorità tal-Artijiet et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 2024, u l-ġurisprudenza kollha hemmhekk imsemmija).

35. Ir-raġuni wara dan hija li fil-kawżali dwar it-tħaddim ħażin tal-liġi, dak li jrid jintwera mir-ritrattand huwa sewwasew li fis-sentenza attakkata tkun tħaddmet liġi b'oħra, u mhux li ma tħaddmitx liġi li setgħet kienet tgħodd għall-każ iżda li ma ntużatx (ara ***Francesco Portelli pro et noe v. Anthony Degorigo et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2023; u ***Catherine Cauchi et v. Awtorità tad-Djar et***

mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Novembru, 2023).

36. Issa għalkemm l-Iskema ritrattandi qiegħda ssemmi bosta artikoli li fil-fehma tagħha kellhom jiġu mħaddma għal dan il-każ, madankollu meta hija ġiet biex issemmi x'kienet il-liġi l-ħażina li tħaddmet fis-sentenza attakkata, hija sempliċement qalet li l-Qorti tal-Appell ħaddmet *«il-liġi kriminali ħażin.»*

37. Kif ingħad f'għadd ġmielhom ta' sentenzi, riferenza vaga bħal din mhijiex aċċettabbli f'talba għal ritrattazzjoni taħt il-kawżali tal-**Artikolu 811(e)**. Kemm hu hekk, hemm bosta sentenzi li fihom il-Qorti tal-Appell wissiet li parti ritrattandi ma tistax tħalli kollox fl-arja bit-tama li tkun il-Qorti stess li tagħmlilha xogħolha (ara ***Charlotte Grech Ellul v. L-Avukat Dr. Malcolm Pace et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru, 2024 u ***Jeremy S. Harris noe v. Patrick Spiteri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2023).

38. Fil-każ tal-lum, l-Iskema ritrattandi ma għamlitx riferenza waħda li hija waħda għall-artikolu tal-liġi li l-Qorti tal-Appell suppost ħaddmet ħażin minflok dawk l-artikoli tal-liġi li qiegħda tgħid li kellhom jiġu mħaddma; u billi minħabba f'hekk jonqos wieħed mill-elementi essenzjali sabiex tiġi mistħarrġa talba għal ritrattazzjoni taħt il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi, din il-Qorti tista' tieqaf hawn (ara ***Anthony Mario Vella noe v.***

***Francis sive Tarcisio Galea pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' April, 2023 u ***Joseph Vella v. Juda Taddeo sive Teddy Borg*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2022).

39. Anke però li kieku għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha twarrab ftit għal ġenb dak kollu li għadu kif jingħad, f'kull każ, jibqa' xorta waħda l-fatt li jekk l-Iskema ritrattandi dehrilha li l-Qorti tal-Appell kellha tqis it-talbiet tagħha mil-lenti ta' xi artikoli partikolari tal-liġi bħal pereżempju, mil-lenti tal-**Artikolu 742(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jew inkella dak tal-**Artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali**, hija kien messha qajmet dawk l-argumenti b'mod ċar u formali fir-rikors tal-appell, u mhux ħalliet dan kollu għalissa.

40. Bilkemm għandu għalfejn jingħad, li bħala qorti ta' reviżjoni, il-Qorti tal-Appell setgħet tistħarreġ l-appell tal-Iskema ritrattandi fid-dawl tal-aggravji li tressqu quddiemha, u ġaladarba fir-rikors tal-appell tal-14 ta' Diċembru, 2023, l-Iskema ritrattandi naqset milli tressaq xi aggravju fis-sens li l-Ewwel Qorti ma ħaddmitx dawk l-artikoli tal-liġi li issa qiegħda tgħid li kellhom jgħoddu għal dan il-każ, hija ma tistax issa tippretendi li l-Qorti tal-Appell kellha ddawwar is-sentenza appellata għal raġunijiet li hija stess naqset milli ssemmi (ara ***Middlesea Insurance plc v. Falcotrans Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2023 u ***Miriam Frendo et v. Agatha Agius et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta'

Ottubru, 2008).

41. Jekk kien hemm xi nuqqas, dan kien għalhekk min-naħa tal-Iskema ritrattandi stess, u mhux min-naħa tal-Qorti tal-Appell.

42. Fl-aħħar u mhux b'inqas, din il-Qorti ma tistax ma tosservax kif jekk wieħed ikollu jagħsar ir-raġunijiet kollha li għalihom l-Iskema ritrattandi qiegħda tqis li l-Qorti tal-Appell wettqet applikazzjoni ħażina tal-liġi, ma jifdal xejn għajr kritika b'rabta mal-mod ta' kif il-Qorti tal-Appell fehmet u applikat l-**Artikolu 6 tal-Att Kontra *Money Laundering***. Tassew, l-argumenti kollha tar-ritrattandi huma lkoll, b'xi mod jew ieħor, magħġuna mal-mod ta' kif il-Qorti tal-Appell ħaddmet l-artikolu msemmi fid-dawl tal-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, u mhumiex dwar li l-Qorti tal-Appell ma kellhiex tiddeċiedi l-eċċezzjoni tal-konvenuti fid-dawl ta' dak l-artikolu, jew inkella li l-Qorti tal-Appell applikat xi artikolu ieħor minfloku.

43. L-Iskema ritrattandi messha taf biżżejjed li taħt il-kawżali tal-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, sentenza tal-Qorti ma tistax tiġi mħassra fuq il-bażi li l-Qorti tkun interpretat jew applikat b'mod ħażin il-liġi li tgħodd għall-każ (ara ***Supreme Travel Limited v. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022).

44. Mod ieħor, huwa biss jekk kemm-il darba l-Qorti tkun ħaddmet liġi oħra li assolutament ma tkunx tgħodd għall-każ minflok dik it-tajba, li wieħed jaf ikollu raġuni tajba sabiex idur lejn ir-rimedju msemmi fl-**Artikolu 811(e)** (ara ***H.S.B.C Bank Malta plc. v. Tal-Barrani Company Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2022).

45. Fuq kollox, il-kwistjoni mqanqla mill-parti ritrattandi ma tistax tkun fuq l-interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni dwarha. Dan mhux biss għaliex il-liġi stess tipprovdi li taħt il-kawżali tal-**Artikolu 811(e)** il-kwistjoni ma tistax tkun: *«dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni»*, iżda wkoll għaliex fl-aħħar mill-aħħar, l-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija meqjusa bħala waħda mill-attribwiti mħollija għas-sovranità tal-ġudikant, u b'hekk, bħala tali, mhijiex soġġetta għar-ritrattazzjoni (ara ***Paul u Alexandra Piscopo v. Kontrollur tad-Dwana et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022).

46. Lura għall-każ tagħna, kemm mir-rikors tal-appell tal-14 ta' Diċembru, 2023, kif ukoll mis-sentenza attakkata tat-3 ta' Settembru, 2024, joħroġ biċ-ċar li l-kwistjoni ewlenija li ġiet missielta mill-Iskema ritrattandi quddiem il-Qorti tal-Appell kienet dwar il-mod ta' kif il-Qorti kellha tifhem u tħaddem l-**Artikolu 6 tal-Att Kontra *Money Laundering*** fid-dawl tal-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, u għaldaqstant, l-Iskema

ritrattandi ma tistax iddur lejn din il-proċedura bit-tama li tħeġġeġ lil din il-Qorti sabiex terġa' tqis mill-ġdid l-**Artikolu 6 tal-Att Kontra *Money Laundering*** u tinterpretah bil-mod ta' kif tixtieq hi (ara ***Dr. Patrick Spiteri v. Sylvana Spiteri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

47. Tħares minn fejn tħares, it-talba tal-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur għat-tħassir tas-sentenza attakkata taħt il-kawżali **tal-Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma tistax għalhekk tirnexxi u minħabba f'hekk il-Qorti sejra tkun qiegħda tgħaddi biex tiċħadha.

48. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li t-talba tal-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur għat-tħassir tas-sentenza attakkata hija tabilħaqq fiergħa u vessatorja, u kemm għar-raġunijiet kollha li għadhom kif jingħataw, kif ukoll bis-saħħa tal-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din il-Qorti sejra tkun qiegħda tikkundanna lill-Iskema ritrattandi sabiex tħallas lir-ritrattati, l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal darbtejn.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda <u>**tiċħad**</u> it-talbiet kollha tal-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur għat-tħassir tas-

sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Settembru, 2024.

Fl-aħħar nett, u bis-setgħat mogħtija lilha bl-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti qiegħda tikkundanna lill-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur sabiex tħallas lil Jean Claud Bugeja u lil Hermione Borg, l-ispejjeż ta' din il-proċedura għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Christian Falzon Scerri<br>Aġent President | Josette Demicoli<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb